GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħat Nru. 29 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 10 ta' Jannar 2011, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji
   a) Petty Cash Diċembru 2010;
   b) Skeda ta' Ħlas Diċembru 2011;
   d) Estimated Income & Expenditure 2011;
5. Laqgħa Annwali tal-Lokalita';
6. Turretta;
7. Toroq;
8. Green Wardens;
9. Performance Bonus;
10. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 28 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

Dwar item 2.c id-Dipartiment ikkonferma li l-Kunsill ma' jista jagħti ebda donazzjoni, għaldaqstant l-Kunsill ma' ta l-ebda donazzjoni lill-*Community Chest Fund*.

Is-Sur Alan Picco m'attendiex l-aħħar laqgħa tal-Kunsill minħabba li kien marid u għaldaqstant il-Kunsill aċċetta r-raġuni għaliex is-Sur Picco kien assenti.

L-ikla ta' l-Anzjani li l-Kunsill ppropona li ssir fil-jiem tal-Milied saret iżda l-Kunsill ma ġabarx flus jew ħallas xi kontijiet għax dawn ħa ħsiebhom il-persuna li ħadet ħsieb l-ikla.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta & emails):-**

1. Mid-Dipartiment infurmawna li fir-rigward tal-applikazzjoni tagħna għal Memo 45/2010 – PPP, din ġiet aċċettata u wkoll għarrfu li għaddew is-somma ta' € 60,417.56 bħala l-ewwel pagament, anness wkoll hemm tabella fejn qed jiġi spjegat ta' kif ser jitqassmu dawn il-flus.
Bagħatu dwar Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018.
Ircevejna Memo 95/2010 – Skema dwar inizjattivi t'Attiviatijiet 2011, ġejna mgħarrfa li l-applikazzjoni tagħna li bħala attivita' semmejna l-Karnival ma ġietx aċċettata. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lis-Sur Martin Bugelli, Direttur tal-Kunsilli Lokali, biex jagħti raġuni għaliex il-Kunsill ma kienx se jibbenifika għal dawn l-attivitajiet.
Infurmaw bl-Allokazzjoni Finanzjarja 2011, fejn din ser tkun tammonta għal € 293,687.
Memo 149/2010 – Linji Gwida dwar Trattament ta' Provvisti minn Għaqdiet Każini tal-Banda għall-Fini ta' VAT.
Memo 150/2010 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja.
Memo 151/2010 – *Appraisal Reports* u *Performance Bonuses* lis-Segretarji Eżekuttivi.
Memo 01/2011 – Insaħħu l-Komunita' Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Bini tal-Gvern.
Memo 02/2011 - Proċess ta' *Digital Switchover*.

2. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Notifika ta' Avviż f'sit fi Triq San Gorg, il-Ħofra limiti ta' Ħal Għaxaq.

Irċevejna wkoll *Development Certificate* dwar *rural room*, f'għalqa fis-sit Ta' Bur Magħlub limiti ta' Ħal Għaxaq( pjanta annessa).

GĦAXAQ

Infurmawna li dwar il-*UIF Funds*, il-bilanċ disponibbli huwa ta' € 10,377.37.
Għarrfuna wkoll li bħala parti mir-riforma li saret tal-MEPA, l-applikazzjonijiet ġodda mhux ser jibqgħu jinħargu aktar bħala *hard copy* u jintbagħatu lill-Kunsilli rispettivi. Is-sistema ser tibda tinħadem li xi ħadd wieħed biss jirreġistra u jkun jista' jidħol fuq is-sit tal-MEPA u jniżżel l-applikazzjoni/jiet skond il-ħtieġa minn fuq il-*website*.

3. Mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern, fejn bagħatu kopja tal-ftehim iffirmat tad-devoluzzjoni tat-Turretta.

4. Mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fejn bagħatu dwar Konferenza Ġemellaġġi 2011 li ser issir ghal bidu ta' April 2011.
Infurmaw wkoll li fil-ġranet li ġejjien ser jissupplixxu it-tabelli tal-Wifi sabiex nieħdu ħsieb li dawn jitwaħħlu fil-postijiet fejn hemm din is-sistema bħala ndikazzjoni lill-pubbliku.
Bagħatu jinfurmaw ukoll li ser isir laqgħa fl-4 ta' Frar, 2011 fil-Kunsill tan-Naxxar, dwar is-Sigurta' fil-*Playing Fields* tal-Lokalitajiet.

5. Mill-Enemalta, fejn infurmaw li qed joffru li jsiru xi *talks* minn x'Inġiniera tagħhom sabiex jgħarrfu lin-nies sabiex isir użu għaqli ta' l-enerġija.

6. Mill-Awtorita' tad-Djar, fejn wara li saret il-laqgħa fuq l-'*Upgrading Works in Housing Estate*', fis-26 ta' Novembru, 2010, anness - tagħrif in konnessjoni ma' din il-laqgħa.

7. Mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita', irċevejna l-*Accessibility Audit Report*, fir-rigward tal-*Housing Estate*, dan ġie mgħoddi lill-Perit għall-attenzjoni tiegħu.

8. Mingħand il-MEUSAC, fejn infurmaw li ser isir laqgħa dwar - *A Strong Europe Priorities & Programme of the Hungarian Presidency*, fit-18 ta' Jannar, 2011 il-*Mediterranea Conference Centre* fid-9.00am.

9. Mingħand *Schembri Infrastructures Ltd*, fejn bagħatu rapport u kont ghal Triq il-Ħannieqa.

10. Mingħand il-Greenpak, fejn issuġġerew li l-inizjattiva tal-iskart separat tiġi estiżi wkoll fl-iskejjel.
Is-Sur Abdilla qal li residenti ġibdulu l-attenzjoni li s-Surmast tal-Iskola Primarja kien qiegħed igiegħel lill-purtinari flok jarmu l-boroż tal-iskart, dawn jbattlu l-boroż tal-iskart ġo l-iskip li hemm quddiem l-iskola bil-konsegwenza li r-residenti qegħdin jagħmlu l-istess. Dan mhux suppost isir għalhekk il-Kunsill iddeċieda li jikteb il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni fejn juri li mhux se jaċċetta l-aġir tas-Surmast.

11. Mingħand *Reel 8 Productions*, fejn infurmaw bl-ewwel 13 il-Kunsill Lokali li ser jieħdu sehem fil-programm televiżiv bl-isem 'Raħal Twelidi'.

12. Mir-Reġjnu Nofsinhar fejn bagħatu d-dokumenti relatati mal-laqgħa li saret fis-16 ta' Diċembru, 2010.

13. Mill-Parroċċa St.Marija, Għaxaq, fejn il-Kappillan issuġġerixxa li peress li jiltaqa' l-grupp għall-Kura u t-Trobbija tat-Tfal taħt it-tmexxija tal-ħidma pastorali, qed jipproponi li din l-attivita' tibda ssir konġunta mal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-Kappillan dwar dan is-suġġett.

    Irċevejna wkoll mingħand il-Kappillan stedina għal tibdil tal-Awguri fit-3 ta' Jannar, 2011.

14. Mill-GAL Xlokk, infurmaw li jistgħu jagħmlu laqgħat mal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jagħtu spjegazzjoni ċara dwar l-iskemi li għandhom.

15. Irċevejna kwotazzjoni mingħand JB Electronics sabiex tiżdied *camera* oħra fl-uffiċċju tas-Sindku bl-ammont ta' € 200.60. Il-Kunsill qabel li din issir u jitwaħħal tubu *ultra violet*.

16. Mill-AKL fejn bagħatu l-formola u d-dokumenti dwar il-Laqgħa tas-Sindki, li ser issir Għawdex, fil-21 u t-22, ta' Jannar, 2011, anness programm u minuti. Is-Sindku ser jattendi is-Sibt għal din il-laqgħa.

17. Mill-Kumpanija *Bitmac Ltd.*, dik li tissupplixxina bil-*cold tarmac* infurmat li l-prezz għal kull borża ġie € 4.25 minn dak ta' € 3.25, għarrfu wkoll li bħala *delivery* tal-metarjal hemm spiża addizzjonali ta' € 29.50 għal kull *delivery*.

## 4. Materji Finanzjarji

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Diċembru 2010, li kienu jammontaw għal €44.31 . Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€44.31 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Picco.

b. *Skeda ta' Ħlas – Dicembru 2010*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Dicembru 2010 u li jammontaw għal €32,553.26. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

c. *Is*-Segretarju poġġa fuq il-mejda Estimi Finanzjarji għas-Sena 2011 , ibbażat fuq l-allokazzjoni ta' €293,687.00, flimkien ma d-dħul u l-ħruġ li kien hemm fis-sena preċedenti. Il-*Budget* ġie moqri u diskuss u wara proposta mis-Sindku sekondat mill-Viċi Sindku, l-Kunsill qabel li dan il-Budget jiġi ppreżentat ghad-diskussjoni tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita'.

## 5. Laqgħa Annwali tal-Lokalita'

Wara diskussjoni qasira sar qbil li l-Laqgħa Annwali, issir nhar il-Ħamis, 27 ta' Jannar, 2011, u tkun segwita b'Laqgħa tal-Kunsill.

Fil-laqgħa jittieħdu l-ilmenti tal-pubbliku u reġistrati fil-Minuti biex il-Kunsill jara x'jista' jattwa minnhom. Il-Kunsill ikun jeħtieġ li japprova l-Budget għas-Sena d-dieħla wara li tintemm il-Laqgħa tal-Lokalita'.

GĦAXAQ

**Sadanittant is-Sindku ta' indikazzjoni tad-diskors tiegħu li hu se jagħmel fil-Laqgħa Annwali fejn elenka l-ħidma li saret mill-Kunsill tul l-aħħar sena.**

**6. <u>Turretta</u>**

Is- Segretarju qalet li l-Kunsill issa għandu iċ-ċwievet tat-Turretta f'idejh. Is-Sindku qal li l-aħjar issa jgħid lill-Perit tal-Kunsill jasal wasla sat-Turretta biex jara l-kundizzjoni li tinsab fiha biex b'hekk issir il-manutenzjoni meħtieġa. Is-Sindku qal ukoll li jixtieq li t-Turretta tkun aċċessibli għal kulħadd u jekk ikun jistgħa jsir *lift*. Is-Sur Abdilla qal li l-Kunsill irid joqgħod attent x'jagħmel għax minħabba li din hija bini storiku ma jistgħux isiru strutturi miegħu.

Wara diskussjoni ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-*Heritage Malta* u lill-Din l-Art Ħelwa, biex naraw kif jistgħu jgħinu fir-restawr ta' din it-Turretta.

**7. <u>Toroq</u>**

Is-Sur Vassallo qal li l-Kunsill wasal biex jiffirma l-kuntratt ma' Bonnici Bros., biex jibdew ix-xogħol tal-kisi tat-toroq issa li d-Dipartiment tal-Kunsilli kkonferma li dan jista' jsir. Il-Kunsill qabel.

**8. <u>Green Wardens</u>**

Is-Sindku qal li fir-raħal hawn problema dwar l-iskart fejn, fi Triq Giuseppi Gravina kantuniera ma' Triq Guseppi Vella, kif ukoll fil-kantuniera ta' Triq il-Pitirross qed ikun hemm munzell żibel li x'aktarx mhux qed jitfugħ nies mir-raħal. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jitqabbdu żewġ wardens pajżana nhar ta' Tlieta bejn is-7.00am u l-11.00am u s-Sibt bejn l-10.00am u s-2.00pm, sabiex jissorveljaw l-inħawi. Is-Sindku qal ukoll li hemm il-ħtieġa li jiġu ordnati 4 tabelli biex ma jitwaddabx skart. Il-Kunsill qabel.

**9. <u>Performance Bonus</u>**

Is-Segretarju qrat il-*Performance Bonus* li tħejja għal l-iskrivana għat-tnax il-xahar li għaddew u qalet li hi tirrakomanda li tingħata 6%. Wara li ġie spjegat il-kontenut tar-rapport, is-Sur Vassallo, sekondat mis-Sur Abdilla, ippropona li l-iskrivana tingħata il-bonus ta' 6% u l-Kunsill qabel.

F'dan li stadju s-Segretarju ħarġet mil-kamra waqt li kien qed jiġi evalwat l-*Performance Bonus* tagħha. Is-Sindku spjega l-kontenut u s-Segretarju rritornat fil-kamra fejn ġiet mgħarrfa li ser tingħata 10%, is-Segretarju flimkien ma' l-iskrivana rringrazzjaw il-Kunsill.

10. **<u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>.**

a. Is-Sur Picco qal li ġie avviċinat biex naraw jekk Triq il-Milwa tistgħax issir *One Way* inżul biss. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li jkteb lir-residenti f'din it-Triq biex jagħtu l-opinjoni tagħhom.

b. Is-Sindku qal li biex jitkompla l-ġnien minħabba li l-Kunsill m'għandux nies biex jagħmel dan hemm il-ħtieġa li jinħareġ *tender* aktar il-quddiem. Il-Kunsill qabel.

c. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li d-dwal tal-bandli li hemm fuq St. Rokku jitranġaw. Il-Kunsill qabel.

d. Is-Sur Vassallo qal li hemm il-ħtieġa li jinġiebu 100 borża tarmak biex jingħalqu ħofor li hemm fi Triq San Gorg. Il-Kunsill qabel.

e. Is-Sur Picco qal li hu jaħseb li wasal iż-żmien li l-Kunsill ikollu mezz ta' transport tiegħu. Is-Sindku qal li l-Kunsill dejjem inqeda u għalisa ma jaqbilx li l-Kunsill jidħol għal spiża tat-trasport.

f. Is-Sur Abdilla qal li kienet u għada l-problema tat-traffiku f'Bir-id-Deheb, kulħadd jipparkja kif irid u m'hemmx kontroll. Is-Sindku qal li suppost qiegħed ikun hemm il-*wardens* biex jaraw li l-*parking* isir sew.

**11. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fil- 4.15pm aġġorna s-Seduta għal nhar il-Ħamis, 27 ta' Jannar, 2011, fis-6.00pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati:- Il-Ħamis, 27 ta' Jannar 2011, fis-6.00pm.</u>**